PROJECT LEADER: L.B.	DATE: July 2025	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD160/25	
DRAWN BY: M.B.	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	PAGE NO: 5

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Steve Ellul

S:\Traffic Management\2025\Santa Lucija\2025 Santa Lucija.dwg

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 245

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Qrendi

Nhar il-Ħamis, 6 ta' Novembru, 2025, mil-11.00 a.m. sal-00.15 a.m., minn Triq iż-Żurrieq (quddiem il-Best Print) – 4 parkeġġi.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, 2025, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m., miż-żona tal-parkeġġ tal-Bank Ċentrali, Triq Papa Piju V kollha, Triq Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja kollha, quddiem il-Borża ta' Malta u t-triq quddiem id-Dipartiment tal-Informazzjoni.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Għeluq tat-toroq u clearance isir skont il-bżonn.

Għajnsielem

Nhar it-Tlieta, 11 ta' Novembru, 2025, mill-5.00 a.m. sas-7.00 p.m., minn Triq Ta' Gorgun mill-uffiċju prinċipali tal-Gozo Channel sa Triq ix-Xatt maġenb l-għassa tal-Pulizija.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Iż-Żebbuġ, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025, mis-2.15 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza l-Assunta, Triq Għajn Mhelhel, Triq l-Għażżiela, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Triq il-Knisja, Triq il-Kappillan Franġisk Vella u Triq Ġoma.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Novembru, 2025, mill-10.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Triq il-Parroċċa (quddiem il-Kunsill Lokali tal-Imqabba). Clearance ta'4 parkeġġi.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

POLICE NOTICE

No. 245

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Qrendi

On Thursday, 6th November, 2025, from 11.00 a.m. to 00.15 a.m. through Triq iż-Żurrieq (in front of Best Print) – 4 parking spaces.

Public transport will not be effected

Valletta

On Friday, 7th November, 2025, from 3.00 p.m. to 11.00 p.m., through the whole Central Bank's parking area, all of Triq Papa Piju V, Triq Ġilormu Cassar, all of Pjazza Kastilja, in front of the Stock Exchange and the street in front of the Department of Information.

Public transport will be affected.

Road closure will be done as required.

Għajnsielem

On Tuesday, 11th November, 2025, from 5.00 a.m. to 7.00 p.m., through Triq Ta' Gorgun from Gozo Channel's head office to Triq ix-Xatt next to the police station.

Public transport may be affected.

Żebbuġ, Gozo

On Sunday, 16th November, 2025, from 2.15 p.m. to 8.00 p.m., through Pjazza l-Assunta, Triq Għajn Mhelhel, Triq l-Għażżiela, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Triq il-Knisja, Triq il-Kappillan Franġisk Vella and Triq Ġoma.

Public transport may be affected.

Mqabba

On Sunday, 23rd November, 2025, from 10.00 a.m. to 1.00 p.m. through Triq il-Parroċċa (in front of Mqabba Local Council). Clearance of 4 parking spaces.

Public transport will not be effected.

Ħal Kirkop

Mit-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025 sal-Ħadd, 30 ta' Novembru, 2025, minn Triq San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Triq Mons. Micheal Barbara, Misraħ San Leonardu, Triq il-Kbira u Triq Carlo Taliana.

Għal clearance ta'vetturi se jintużaw permessi tal-parkeġġ tal-Kunsill Lokali. Jekk vetturi jitħallew ipparkjati kontra dan il-permess se jiġu rmunkati.

Toroq se jingħalqu permezz tal-bollards.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

San Lawrenz

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Novembru, 2025, mit-8.00 a.m. sas-7.00 p.m., Pjazza San Lawrenz se tkun magħluqa, u Triq id-Duluri u l-parti ta' fuq ta' Fungus Rock se jkunu two-way.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, 2025, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Ħal Far (quddiem Villa Blanche). Clearance ta'erba'parkeġġi;

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2025, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Misraħ Ħal Kirkop. Clearance ta'erba'parkeġġi.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2025, mis-7.00 a.m., sal-Ħadd, 7 ta' Diċembru, 2025, sal-11.59 p.m., dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista'jipparkja minn Triq Pietru Pawl Saydon u Pjazza Repubblika.

Dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku wkoll: parti minn Triq San Mikiel u parti minn Triq il-Kbira.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru, 2025, mis-7.00 a.m. sal-11.59 p.m. dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista'jipparkja minn Triq San Ġorġ.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq 2164 2974/5.

Ħal Kirkop

From Tuesday, 25th November, 2025 to Sunday, 30th November, 2025, through Triq San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Triq Mons. Micheal Barbara, Misraħ San Leonardu, Triq il-Kbira and Triq Carlo Taliana.

For vehicle clearance, Local Council parking permits shall be used. Should any vehicles remain parked in contravention of the permit, they will be towed.

Also, streets will be closed by bollards.

Public transport will not be affected.

San Lawrenz

On Sunday, 30th November, 2025, from 8.00 a.m. to 7.00 p.m., Pjazza San Lawrenz will be closed, and Triq id-Duluri and the upper part of Fungus Rock will be two-way.

Public transport may be affected.

Żurrieq

On Friday, 7th November, 2025, from 6.00 a.m. to midnight, through Triq Ħal Far (in front of Villa Blanche). Clearance of 4 parking spaces;

On Friday, 21st November, 2025, from 6.00 p.m. to 9.00 p.m., through Misraħ Ħal Kirkop. Clearance of 4 parking spaces.

Public transport will not be affected;

On Friday, 5th December, 2025, from 7.00 a.m., till Sunday, 7th December, 2025, till 11.59 p.m., these streets will be closed for traffic and cleared from parking through Triq Pietru Pawl Saydon and Pjazza Repubblika.

These streets are going to be closed for traffic too: part of Triq San Mikiel and part of Triq il-Kbira

Public transport will be affected;

On Friday, 12th December, 2025, from 7.00 a.m. to 11.59 p.m., these streets will be closed for traffic and cleared from parking on Triq San Ġorġ.

Public transport will not also be affected.

Further details may be obtained from the Executive Secretary on 2164 2974/5.

Il-Birgu

Nhar it-Tlieta, 4 ta' Novembru, 2025, mis-2.00 p.m. sat-3.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mis-2.00 p.m. sat-3.00 p.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-4 ta' Novembru, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 246

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru u nhar is-Sibt, 8 ta' Novembru, 2025, mill-5.30 p.m. sal-11.00 p.m., mill-erba' spazji ta' parkeġġ quddiem it-Teatru Salesjan fi Triq Ġużè Howard;

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Novembru, 2025, mill-11.30 a.m. sal-5.00 p.m., mill-erba' spazji ta' parkeġġ quddiem it-Teatru Salesjan fi Triq Ġużè Howard.

L-Imdina

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025, mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Pjazza San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-4 ta' Novembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 197 tal-2025

Rhodolith/Maerl Seabed Survey u Bentix Survey fl-Ilmijiet Territorjali Maltin

Vittoriosa

On Tuesday, 4th November, 2025, from 2.00 p.m. to 3.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira.

Public trasport will be affected from 2.00 p.m. to 3.00 p.m.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

4th November, 2025

POLICE NOTICE

No. 246

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Friday, 7th November and on Saturday, 8th November, 2025, from 5.30 p.m. to 11.00 p.m., through the four parking spaces in front of Teatru Salesjan in Triq Ġużè Howard;

On Sunday, 9th November, 2025, from 11.30 a.m. to 5.00 p.m., through the four parking spaces in front of Teatru Salesjan in Triq Ġużè Howard.

Mdina

On Friday, 28th November, 2025, from 7.00 p.m. to 8.30 p.m., through Pjazza San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

4th November, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 197 of 2025

Rhodolith/Maerl Seabed Survey and Bentix Survey within the Maltese Territorial Waters

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jixtieq jinforma lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti dwar iż-żewġ surveys li ġejjin: ir-Rhodolith/Maerl Seabed Survey u l-Bentix Survey. Dan l-istħarriġ se jsir fl-Ibħra Territorjali Maltin.

Jekk it-temp jippermetti, l-istħarriġ huwa skedat li jibda nhar is-Sibt, 8 ta' Novembru, 2025 u huwa mistenni li jitlesta sal-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025.

Ir-Rhodolith/Maerl Survey se jutilizza remotely operated vehicle (ROV) biex tirreġistra d-data ta' qiegħ il-baħar tul linji ta' transetti magħżula.

	Latitudni (T) *Latitude (N)*	*Longitudni (L)* *Longitude (E)*
T1	36° 04.509'	14° 18.809'
T2	36° 04.068'	14° 20.435'
T3	36° 03.532'	14° 19.910'
T4	36° 03.085'	14° 22.446'
T5	36° 02.917'	14° 21.235'
T6	36° 01.555'	14° 21.461'
T7	36° 02.310'	14° 23.904'
T8	36° 01.539'	14° 23.153'
T9	36° 01.624'	14° 25.570'
T10	36° 00.498'	14° 24.967'
T11	36° 01.039'	14° 27.396'
T12	36° 00.595'	14° 26.406'
T13	35° 59.461'	14° 26.351'
T14	35° 58.563'	14° 25.672'
T15	35° 59.819'	14° 28.317'
T16	35° 58.373'	14° 27.428'
T17	35° 59.066'	14° 30.016'
T18	35° 58.139'	14° 29.358'
T19	35° 57.187'	14° 28.859'
T20	35° 56.985'	14° 30.723'

Il-Bentix Survey se jinvolvi ġbir ta' kampjuni tas-sediment bl-użu ta' grab sampler. Iż-żewġ surveys se jsiru tul il-kosta ta' Malta u Għawdex, qrib il-kordinati speċifikati.

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
M1	36° 03.078'	14° 11.124'
M2	36° 02.810'	14° 11.453'
M3	36° 04.164'	14° 17.010'
M4	36° 00.924'	14° 16.950'
M5	36° 01.002'	14° 19.266'
M6	35° 58.386'	14° 21.474'
M7	35° 57.516'	14° 25.908'
M8	35° 55.644'	14° 29.460'
M9	35° 56.352'	14° 56.352'
M10	35° 53.940'	14° 30.132'
M11	35° 54.099'	14° 30.475'
M12	35° 53.976'	14° 31.320'
M13	35° 53.635'	14° 30.991'

The Ports and Yachting Directorate of Transport Malta, would like to inform mariners and owners of vessels about two upcoming surveys: the Rhodolith/Maerl Seabed Survey and the Bentix Survey. These surveys will take place within the Maltese Territorial Waters.

Weather permitting, the surveys are scheduled to begin on Saturday, 8th November, 2025 and are expected to be completed by Friday, 28th November, 2025.

The Rhodolith/Maerl Survey will utilize a remotely operated vehicle (ROV) to record seabed data along designated transect lines.

	Sa Latitudni (T) *To Latitude(N)*	*Longitudni (L)* *Longitude (E)*
	36° 04.173'	14° 19.334'
	36° 03.735'	14° 20.962'
	36° 03.215'	14° 20.443'
	36° 02.750'	14° 22.968'
	36° 02.575'	14° 21.754'
	36° 01.187'	14° 21.971'
	36° 01.976'	14° 24.445'
	36° 01.200'	14° 23.686'
	36° 01.297'	14° 26.104'
	36° 00.185'	14° 25.511'
	36° 00.710'	14° 27.944'
	36° 00.266'	14° 26.963'
	35° 59.148'	14° 26.901'
	35° 58.220'	14° 26.192'
	35° 59.505'	14° 28.866'
	35° 58.052'	14° 27.969'
	35° 58.731'	14° 30.532'
	35° 57.787'	14° 29.872'
	35° 56.874'	14° 29.405'
	35° 56.656'	14° 31.296'

The Bentix Survey will involve collecting sediment samples using a grab sampler. Both surveys will be conducted along the coast of Malta and Gozo, close to the specified coordinates.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
M1	36° 03.078'	14° 11.124'
M2	36° 02.810'	14° 11.453'
M3	36° 04.164'	14° 17.010'
M4	36° 00.924'	14° 16.950'
M5	36° 01.002'	14° 19.266'
M6	35° 58.386'	14° 21.474'
M7	35° 57.516'	14° 25.908'
M8	35° 55.644'	14° 29.460'
M9	35° 56.352'	14° 56.352'
M10	35° 53.940'	14° 30.132'
M11	35° 54.099'	14° 30.475'
M12	35° 53.976'	14° 31.320'
M13	35° 53.635'	14° 30.991'

M14	35° 53.118'	14° 34.068'	
M15	35° 53.185'	14° 34.045'	
M16	35° 52.027'	14° 34.882'	
M17	35° 49.802'	14° 34.033'	
M18	35° 49.823'	14° 34.009'	
M19	35° 49.239'	14° 33.402'	
M20	35° 48.728'	14° 32.945'	
M21	35° 49.661'	14° 32.714'	
M22	35° 49.230'	14° 25.860'	
M23	35° 57.180'	14° 20.370'	
M24	35° 55.854'	14° 20.286'	

Matul is-surveys, il-bastiment tal-istħarriġ SIMO (9HB6482) se jkun ristrett fil-kapaċità tiegħu li jimmanuvra. Għalhekk, il-bastimenti l-oħra kollha għandhom iċedu lill-bastiment tal-istħarriġ meta jintlemaħ.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqgħodu attenti, ibaħħru b'kawtela u b'veloċità sikura (mingħajr rima) meta jbaħħru fiż-żoni indikati hawn fuq. Huma għandhom josservae l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 mill-Valletta VTS, jew minn kwalunkwe aġenzija tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 36, 177, 194, 2537, 2538

L-4 ta' Novembru, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Lifeguards għal Resource Centres fid-Direttorat għas-Servizzi tal-Edukazzjoni (DSE) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Espressjoni ta' Interess

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħarraf illi qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand individwi interessati sabiex jagħmlu x-xogħol ta' Lifeguards għal Resource Centres fuq bażi ta' 'kuntratt għal servizz' – sa 20 siegħa fil-ġimgħa waqt il-ġranet tal-iskola bir-rata ta' €16.43 fis-siegħa eskluża l-VAT – fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi tal-Edukazzjoni (DSE) tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Il-Lifeguards irid ikollhom ċertifikazzjoni professjonali li tgħaqqad ħiliet ta' salvataġġ fl-ilma ma' CPR, l-Ewwel Għajnuna, l-AED u l-għoti tal-ossiġnu fil-livell ta' professjonist fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

L-applikanti jrid ikollhom esperjenza u jkunu jistgħu jaħdmu matul il-ħinijiet tal-iskola.

M14	35° 53.118'	14° 34.068'	
M15	35° 53.185'	14° 34.045'	
M16	35° 52.027'	14° 34.882'	
M17	35° 49.802'	14° 34.033'	
M18	35° 49.823'	14° 34.009'	
M19	35° 49.239'	14° 33.402'	
M20	35° 48.728'	14° 32.945'	
M21	35° 49.661'	14° 32.714'	
M22	35° 49.230'	14° 25.860'	
M23	35° 57.180'	14° 20.370'	
M24	35° 55.854'	14° 20.286'	

During the surveys, the survey vessel SIMO (9HB6482) will be restricted in her ability to maneuver. Therefore, all other vessels are to give way to the survey vessel when it is spotted.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and at safe speed (no wake) when navigating in the above indicated areas. They are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS, or by any enforcement agency on site.

Charts affected: BA 36, 177, 194, 2537, 2538

4th November, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Lifeguards for Resource Centres within the Directorate for Educational Services Department (ESD) within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Expression of Interest

The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. notifies that applications are being received from interested persons willing to perform duties on a part-time contract for service basis – up to 20 hours weekly on school days at the hourly rate of €16.43 excluding VAT – as Lifeguards for Resource Centres within the Directorate for Educational Services Department (ESD) within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

The Lifeguards are to have professional certification that combines water rescue skills with health care provider level CPR, First Aid, AED and Oxygen administration.

Applicants must have experience and be able to work during school hours.

L-applikanti interessati għandhom jissottomettu ittra ta' applikazzjoni, CV u kopji tal-kwalifiki permezz ta' (https://edurecruitment.gov.mt) sal-5.00 p.m. tal-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025.

L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista u għandhom iġibu magħhom iċ-ċertifikati oriġinali tagħhom.

Indirizz elettroniku: (dg.des.educ@gov.mt)
Numru tat-telefown: 2598 2502

L-4 ta' Novembru, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa Miftuħa għal
Amministraturi tal-Appoġġ
fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti

Id-Dmirijiet u r-Responsabbiltajiet

Il-Kunsill Malti għall-Arti qed ifittex li jingaġġa s-servizz ta' tliet individwi bħala Amministraturi tal-Appoġġ biex jaħdmu mill-qrib mat-Tim tal-Finanzjament tal-Kunsill Malti għall-Arti. Dawn se jassistu lid-Direttur u l-Kap tal-Finanzjament fl-amministrazzjoni tal-portafoll ta' finanzjament tal-Kunsill.

Ir-Responsabbiltajiet Ġenerali

Id-dmirijiet marbuta ma' dan ir-rwol jinkludu fost oħrajn dawn li ġejjin:

Għajnuna lit-Tim ta' Finanzjament permezz ta' kompiti amministrattivi, fosthom permezz ta' rikonoxximent tal-emails irċevuti;

Skennjar, issejvjar u ffajljar tad-dokumenti fid-Drive;

Aġġornament regolari tal-fajls u d-Drive bid-dokumentazzjoni neċessarja kollha;

Żamma tal-fajls u d-Drive b'mod organizzat u b'mod li jkunu disponibbli meta jintalbu;

Għajnuna lill-Kap tal-Finanzjament fil-proċess ta' notifikazzjoni tar-riżultati, kif ukoll fit-tħejjija ta' ittri ta' notifikazzjoni, il-formoli ta' rispons, u t-talbiet għall-akkwisti pubbliċi;

Aġġornament regolari tal-iskeda ta' monitoraġġ u tas-sistema bl-aġġornamenti neċessarji;

Eżaminazzjoni tar-rapporti finali u żgurar ta' konformità mal-linji gwida u r-regolamenti;

Interested applicants are to submit a letter of application, CV and copies of qualifications via (https://edurecruitment.gov.mt) until 5.00 p.m. on Friday, 28th November, 2025.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to bring their original certificates with them.

Email address: (dg.des.educ@gov.mt)
Telephone number: 2598 2502

4th November, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Service
Support Administrators
with Arts Council Malta

Duties and Responsibilities

Arts Council Malta is seeking to engage the services of three individuals as Support Administrators to work closely with the Council's Funding Team, the Support Administrators will assist the Director (Funding) and Head (Funding) in the administration of ACM's Funding portfolio.

General Responsibilities

The duties of the selected bidders are to include but not limited to:

To assist Funding team through administrative tasks, which include receiving and acknowledging emails;

To scan and save and file documents in the Drive;

To regularly update files and Drive with all necessary documentation;

To maintain files and Drive in an organized manner and available when requested;

To assist the Head of Funding in the result notification process, in the preparation of notification letters, the preparation of feedback forms and the preparation of requests for procurement;

To regularly update the monitoring sheet and the system with the necessary updates;

To screen final reports and ensure compliance with the guidelines and regulations;

Promozzjoni tal-entità u żgurar li jinżammu relazzjonijiet tajba mal-imsieħba u l-kollaboraturi kollha;

Żgurar li t-telefonati u l-emails jiġu mwieġba fil-ħin u jiġu lloggjati kif xieraq;

Żgurar li l-klijenti, il-forniturі, u l-partijiet ikkonċernati li jikkuntattjaw lill-Kunsill Malti għall-Arti dwar kwistjonijiet marbuta ma' finanzjament jiġu moqdija professjonalment u b'mod effettiv;

Kollaborazzjoni ma' dipartimenti oħra kif meħtieġ;

Żgurar tal-kunfidenzjalità, l-aċċessibbiltà, u s-sigurtà tad-dokumentazzjoni kollha;

Għajnuna, kumpilazzjoni, reviżjoni u verifikazzjoni ta' entrati f'linja u rappurtar ieħor;

Qadi ta' dmirijiet oħra kif meħtieġ mid-Direttur ta' Finanzjament u l-Maniġment Anzjan;

Qadi ta' dmirijiet oħra li jiġu assenjati minn żmien għal żmien.

Din id-deskrizzjoni tal-impjieg mhix neċessarjament lista eżawrjenti ta' dmirijiet imma hija intenzjonata biex tirrifletti l-firxa ta' dmirijiet li l-Amministraturi tal-Appoġġ mistennija jaqdu. Din tista' tiġi wkoll riveduta minn żmien għal żmien kif ukoll tinbidel.

Il-Kwalifiki u l-Esperjenza Meħtieġa

Ċertifikat ta' tmiem l-iskola obbligatorja
Livell Ordinarju fl-Ingliż
Livell Ordinarju fil-Malti
Livell Ordinarju fil-Matematika
Ħakma tajba tal-Malti u l-Ingliż
Għarfien ġenerali tal-proċeduri tal-uffiċċju
Ħiliet organizzattivi u amministrattivi qawwija kif ukoll attenzjoni għad-dettall
Ħiliet interpersonali u ta' servizz għall-klijenti
Ħila ta' ħidma taħt pressjoni u qadi ta' dmirijiet simultanjament, u approċċ ta' ħidma fi ħdan tim għal soluzzjoni ta' problemi meta jkun xieraq
Rieda ta' tagħlim u twessigħ tal-għarfien tagħhom
Ħila ta' ħidma awtonoma bi ftit superviżjoni jew xejn

Il-Kuntratt

Il-kandidat magħżul jingħata Kuntratt għal Servizz ta' tliet (3) snin full-time, bil-possibbiltà li dan jiġi mġedded għal sena (1) oħra, skont il-prestazzjoni tagħhom.

Il-kandidati magħżula jwieġbu lill-Kap Eżekuttiv u d-Direttur tal-Finanzjament tal-Kunsill Malti għall-Arti, u

To act as an advocate for the entity and ensure that good relations are kept with all partners and collaborators;

To ensure telephone calls and emails are answered promptly and logged appropriately;

To ensure customers, suppliers and stakeholders contacting the Arts Council Malta with matters relating to Funding are dealt with professionally and effectively;

Liaise with other departments as required;

To ensure the confidentiality, accessibility, and security of all documentation;

To assist, compile, review and verify claims from Line Items and other reporting;

To assist in any other duties as needed by the Director (Funding) and Senior Management.

To carry out any other duties as assigned from time to time.

This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Support Administrators will perform. The job description may be reviewed regularly and may be changed.

Qualifications and Experience Required

School leaving certificate
English O'level
Maltese O'level
Maths O'level
Fluent in Maltese and English
General awareness of office procedures
Strong organisational and administrative skills and attention to detail
Excellent interpersonal skills and customer service skills
Ability to work under pressure and multi-task, using a team approach to solve problems when appropriate

A willingness to learn and expand his/her knowledge
Ability to work autonomously with little or no supervision

Contract

The selected candidates will be awarded a three (3) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period of one (1) year, depending on his/her performance.

Answerable to the Executive Chair and Director (Funding) of Arts Council Malta, operating with flexible

biex jilħqu d-domandi u t-talbiet tal-pożizzjoni jridu jaħdmu sigħat flessibbli. Se jkunu wkoll mitluba jaħdmu skont ir-regoli u regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-rimunerazzjoni marbuta ma' din il-pożizzjoni hija ta' €25,000 (VAT eskluża imma tinkludi kwalunkwe taxxa jew spiża oħra) kull sena għal 40 siegħa fil-ġimgħa.

Il-pagament jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti mal-wasla ta' fattura b'numru validu tal-VAT.

L-Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma mitluba jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati tagħhom permezż ta' ittra elettronika lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet hija t-Tnejn, 10 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

L-4 ta' Novembru, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Applikazzjonijiet għall-Pożizzjoni ta' Eżekuttiv (Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali) fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti

In-Numru ta' Permess tal-Jobsplus: 487/2025

Il-Pożizzjoni

L-Eżekuttiv jaħdem taħt is-superviżjoni tal-Kap Eżekuttiv u l-Kap tar-Relazzjonijiet u l-Avvenimenti Kulturali Internazzjonali) fi ħdan it-Tim tal-Internazzjonalizzazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti biex jikkontribwixxi għall-viżjoni tal-programm tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti, permezz ta' direzzjoni mill-aqwa ta' proġetti, b'fokus speċifiku fuq il-programmi ta' esportazzjoni u l-inizjattivi li huma parti mill-portafoll tal-Kunsill Malti għall-Arti, fosthom il-parteċipazzjoni ta' Malta f'avvenimenti internazzjonali u kollaborazzjonijiet kulturali.

Id-Dmirijiet u r-Responsabbiltajiet Ewlenin

Jissorvelja, jikkordina, u jmexxi l-iżvilupp tal-parteċipazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti f'inizjattivi u avvenimenti internazzjonali, billi jaħdem mill-qrib mat-tim tad-Direttorat tar-Relazzjonijiet u l-Avvenimenti Kulturali Internazzjonali, waqt li jirrapporta lill-Kap tat-Taqsima;

hours to meet the demands and requirements of the positions. The chosen candidates will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration associated with each position is of €25,000 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year for 40 hours per week.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of the certificates to: (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Closing date for applications is Monday, 10th November, 2025, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

4th November, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Applications for the Position of Executive (International Cultural Relations) at Arts Council Malta

Jobsplus Permit Number: 487/2025

Position

Working under the supervision of the Executive Head and Head (International Cultural Relations & Events) within the Internationalisation team within Arts Council Malta, the Executive will contribute to the vision of Arts Council Malta's International Cultural Relations programme, through strong project management skills, with a specific focus on export programmes and initiatives forming part of Arts Council Malta's portfolio, including Malta's participation in international events and cultural collaborations.

Main Duties and Responsibilities

Oversee, coordinate, and manage the development of Arts Council Malta's participation in international initiatives and events, by working closely with the International Cultural Relations Directorate team, reporting to the Head of Unit;

Imexxi l-parteċipazzjoni ta' Malta f'avvenimenti organizzati minn networks internazzjonali, kif ukoll jikkollabora mal-Clusters tal-EUNIC fuq livell globali u rappreżentazzjonijiet diplomatiċi Maltin barra mill-pajjiż;

Manage Malta's participation in events organised by international networks, as well as collaborations with EUNIC Clusters worldwide and Maltese diplomatic representations abroad;

Imexxi u jikkordina l-parteċipazzjoni ta' Malta f'avvenimenti u proġetti internazzjonali fuq skala kbira;

Manage and co-ordinate Malta's participation in international large-scale events and projects;

Joħloq skedi ta' żmien, rapporti u previżjonijiet baġitarji u jżomm il-baġits preċiżi u aġġornati, kif ukoll iżomm spreadsheets ta' dħul u ħruġ, u jieħu kemm jista' jkun mir-riżorsi u l-fondi disponibbli;

Create timelines, reports and budget forecasts and maintain accurate and up-to-date budgets, income and expenditure spreadsheets, maximising resources and funds available as much as possible;

Jakkwista s-servizzi u l-provvisti meħtieġa skont ir-Regolamenti tas-Servizz Pubbliku, waqt li jżomm rendikont tal-ispejjeż u d-dokumentazzjoni li ssostni dan kollu;

Procure all services and supplies required in accordance with Government Procurement Regulations, whilst keeping track of expenses and supporting documentation;

Jabbozza kuntratti u ftehimiet għall-proġetti assenjati, f'kollaborazzjoni mal-konsulent legali tal-Kunsill Malti għall-Arti;

Draft contracts and agreements for assigned projects, in liaison with the legal advisor at Arts Council Malta;

Iżomm u jmexxi l-iffajljar tad-dokumenti meħtieġa marbuta mal-programmi u l-inizjattivi fiżikament u diġitalment;

Maintain and conduct proper filing of required documents related to the programmes and initiatives in physical and digital formats;

Imexxi l-istadji importanti tal-proġetti u r-riżultati tanġibbli tal-programmi u l-inizjattivi internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti fir-rigward ta' perjodi ta' żmien u indikaturi stabbiliti, biex jiżgura t-twettiq b'suċċess tagħhom;

Manage project milestones and deliverables of ACM's International programmes and initiatives with respect to established timeframes and indicators, to ensure their successful delivery;

Jikkollabora internament u man-networks ta' diplomazija kulturali kif ukoll il-partijiet ikkonċernati kulturali internazzjonali biex iżomm aġġornat max-xejriet, aġġornamenti li jikkontribwixxu direttament għall-istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti rigward is-setturi kulturali u kreattivi;

Collaborate internally and with cultural diplomacy networks and international cultural stakeholders in order to keep abreast of trends, updates that would directly contribute to Arts Council Malta's international strategy for CCSs;

Jikkollabora u jikkordina ma' fornituri esterni u d-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti rigward il-ġestjoni u t-twettiq ta' pjanijiet ta' marketing u komunikazzjoni, biex jippromovi programmi u inizjattivi internazzjonali, fosthom iżda mhux biss il-ġbir ta' data, il-kitba ta' kontenut, l-abbozzar u l-editjar tal-informazzjoni, l-għajnuna lir-relazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għall-inizjattivi u l-eżerċizzji ta' marketing marbuta ma' proġetti internazzjonali;

Liaise and coordinate with external suppliers and the Communications department at the Arts Council Malta on the management and the implementation of the marketing and communication plans, so as to promote international programmes and initiatives, including but not limited to the collection of data, content writing, drafting and editing of information, supporting public relations and marketing initiatives and exercises related to international projects;

Jikkollabora ma' dipartimenti oħrajn tal-Kunsill Malti għall-Arti kif meħtieġ;

Liaise with the ACM's other departments as required;

Jabbozza korrispondenza, rapporti qosra/deskrizzjonijiet, sejħiet miftuħa, proposti, u rapporti għal proġetti internazzjonali;

Draft correspondence, briefs/descriptions, open calls, proposals, and reports for international projects;

Jippromovi l-entità u jiżgura li jinżammu relazzjonijiet tajba mal-isħab u l-kollaboraturi kollha;

Act as an advocate for the entity and ensure that good relations are kept with all partners and collaborators;

Ikun disponibbli għal xogħol barra mill-pajjiż;

Dmirijiet oħra kif assenjati mill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Arti u/jew ir-rappreżentant maħtur.

Il-Kwalifiki, il-Ħiliet u l-Esperjenza Meħtieġa

Sad-data ta' skadenza, il-kandidat irid ikollu l-kwalifiki u l-esperjenza msemmija hawn taħt bħala minimu:

Maġisteru rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fil-każ ta' programmi li bdew minn Ottubru tal-2008 'l hawn) jew kwalifika xierqa u komparabbli fl-Umanitajiet bħall-Istorja tal-Arti, il-Mużika, l-Istudji Teatrali, il-Ġestjoni Kulturali, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, id-Diplomazija Kulturali, il-Komunikazzjoni jew oqsma oħra rilevanti, kif ukoll għall-inqas esperjenza ta' sena waħda (1) f'xogħol rilevanti.

JEW

Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fil-każ ta' programmi li bdew minn Ottubru tal-2003 'l hawn) jew kwalifika xierqa u komparabbli fl-Umanitajiet bħall-Istorja tal-Arti, il-Mużika, l-Istudji Teatrali, il-Ġestjoni Kulturali, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, id-Diplomazija Kulturali, il-Komunikazzjoni jew oqsma oħra rilevanti, kif ukoll għall-inqas esperjenza ta' tliet (3) snin f'xogħol rilevanti.

JEW

Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF jew kwalifika xierqa u komparabbli fl-Umanitajiet bħall-Istorja tal-Arti, il-Mużika, l-Istudji Teatrali, il-Ġestjoni Kulturali, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, id-Diplomazija Kulturali, il-Komunikazzjoni jew oqsma oħra rilevanti, kif ukoll għall-inqas esperjenza ta' ħames (5) snin f'xogħol rilevanti.

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan il-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), li trid tinkiseb permezz ta' mili ta' applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinali trid tiġi ppreżentata fl-intervista.

U ħiliet oħrajn meħtieġa:

Komunikazzjoni eċċellenti bil-kitba u verbali bil-Malti u bl-Ingliż;

Be available to travel for duty abroad;

Other duties as assigned by the Executive Chair ACM and/or their designated representative.

Qualifications, Skills and Experience Required

By the time of application, the candidate must be in possession of the below qualifications and experience as a minimum:

a Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008), or an appropriate, recognised comparable qualification in the Humanities such as in History of Art, Music, Theatre Studies, Cultural Management, International Relations, Cultural Diplomacy, Communications or relevant areas, plus one (1) years relevant work experience.

OR

a Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003), or an appropriate, recognised comparable qualification in the Humanities such as in History of Art, Music, Theatre Studies, Cultural Management, Communications, International Relations, Cultural Diplomacy or relevant areas, plus three (3) years relevant work experience.

OR

a Diploma qualification at MQF Level 5, or an appropriate, recognised comparable qualification in the Humanities such as in History of Art, Music, Theatre Studies, Cultural Management, Communications, International Relations, Cultural Diplomacy or relevant areas, or relevant areas, plus five (5) years relevant work experience.

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

AND must have the below-listed skill-set:

Excellent writing and verbal communication skills in both Maltese and English;

Għarfien tas-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll tal-artisti u l-prattikanti lokali;

Networker eċċellenti;

Għarfien ġenerali tal-proċeduri tal-uffiċċju u ħiliet fil-kitba kummerċjali;

Ħiliet b'saħħithom ta' organizzazzjoni u amministrazzjoni, kif ukoll attenzjoni għad-dettall;

Ħiliet interpersonali mill-aqwa;

Turija ta' ħila ta' osservazzjoni u kisba ta' ħiliet ġodda marbuta ma' ħiliet ta' komunikazzjoni esterna u interna;

Mentalità kreattiva u l-ħila ta' ħidma tajba meta taħt pressjoni, it-twettiq ta' kompiti b'mod effiċjenti, u żamma ma' skadenzi stretti;

Impenn għal immaniġġjar ta' kwalità.

Dmirijiet Oħra kif Assenjati

Din id-deskrizzjoni tal-impjieg mhijiex neċessarjament lista eżawrjenti ta' dmirijiet imma għandha l-għan li tirrifletti firxa ta' dmirijiet li l-Eżekuttiv għandu jaqdi. Id-deskrizzjoni tal-impjieg tista' tiġi riveduta regolarment u tista' tinbidel skont l-esperjenza tal-Eżekuttiv u f'konsultazzjoni miegħu.

Il-kandidat magħżul jintalab jaħdem 40 siegħa fil-ġimgħa fl-uffiċċji tal-Kunsill Malti għall-Arti u jrid ikun disponibbli għal laqgħat online, fuq is-sit u l-uffiċċju. Il-ħinijiet huma flessibbli u huwa meħtieġ li ssir ħidma f'ħinijiet mhux skedati u mhux tas-soltu skont l-esiġenzi tax-xogħol internazzjonali.

Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju

Il-kandidat magħżul jidħol f'kuntratt ta' impjieg tal-post fuq bażi indefinita. Is-salarju bażiku fl-2025 huwa ta' €34,226 (il-massimu fi Grad 5 tal-Klassifikazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Istruttura tas-Salarji). Ma' dan jiżdied Bonus tal-Prestazzjoni li jista' jitla' sa 15% kull sena, Disturbance Allowance li jista' jitla' sa 15% kull sena, u Entity Class Allowance ta' €1,500 kull sena.

L-Eliġibbiltà

L-applikanti, sal-ħin u d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa, għandhom ikunu:

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

Knowledge of the cultural and creative sectors as well as local artists and practitioners;

Excellent networker;

General awareness of office procedures and business writing skills;

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

Excellent interpersonal skills;

Demonstrated ability to observe and acquire new skills pertaining to external and internal communication skills;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines;

A commitment to quality management.

Other Duties as Assigned

This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Executive will perform. The job description may be reviewed regularly and may be changed in the light of experience and in consultation with the Executive.

The selected candidate will be required to work 40 hours a week, based at Arts Council Malta and will be required to be available for meetings via internet, on-site and at the office. S/he will have flexible working hours and will be requested to work during unscheduled or at unusual times as required by the exigencies of the international work.

Contract and Salary Information

The selected candidate will enter into a full-time employment contract on an indefinite basis. The salary paid will be of a basic salary of €34,226 in 2025 (maximum Grade 5 of the Art Council Malta's Grading and Salary Structure), a Performance Bonus of up to 15% per annum, a Disturbance Allowance of up to 15% per annum, and an Entity Class Allowance of €1,500 per annum.

Eligibility

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuna oħra li għandha jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħha ma' persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' resident għal żmien twil f'Malta taħt ir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar 'Status ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) tal-2006', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'; jew

(f) persuni li għandhom dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom f'Malta skont il-Ftehim tal-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (c), (d), (e) u (f) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Kif Tapplika

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV, u żewġ (2) ittri ta' referenza, kif ukoll kopji taċ-ċertifikati permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies.acm@artscouncil.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar CEST.

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

L-4 ta' Novembru, 2025

in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

How to Apply

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV, two (2) reference letters, and copies of certificates by email to (vacancies.acm@artscouncil.mt) by Friday, 21st November, 2025, at noon CEST.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

4th November, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

